MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 956/2005

**Victor Zammit**

**vs**

**Carmen Cassar b`digriet tal-Qorti tat-3 ta` Awissu, 2006 assumiet l-atti peress li zewgha miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

B`sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti tas-16 ta` Frar, 1994 fl-ismijiet *Victor Zammit vs Saviour Cassar* (Citaz. Nru. 110/90JDC) (kopja legali ta` dina s-sentenza hija hawn annessa u mmarkata Dok. 'A') li minnha l-konvenut interpona appell li gie dikjarat dezert fl-4 ta` Novembru, 1997, l-intimat gie ikkundannat (1) jersaq ghall-kuntratt meritu tal-kawza fi zmien 40 (erbghin) gurnata mid-data tas-sentenza; (2) ilesti l-flat in kwistjoni fi zmien sitt (6)

xhur mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas r-rikorrent gie awtorizzat jaghmel x-xogholijiet hu a spejjez tal-intimat; (3) ihallas lir-rikorrent penali ta` Lm1065 piu` spejjez li skond l-annessa taxxa markata Dok. 'B' jammontaw ghal sitt mija disgha u hamsin lira u disgha u disghin centezmu u tmien millezmii (Lm659.99,8);

Ghalkemm interpellat sabiex jaddevjeni ruhu mas-sentenza hawn fuq imsemmija, l-intimat baqa` inadempjenti;

Nonostante l-fatt illi ghaddew iktar minn hames snin mid-data tas-sentenza, r-rikorrent ghad ghandu interess illi din is-sentenza tigi ezegwita fl-ahjar interess tal-gustizzja;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, r-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tawtorizzah jipprocedi sabiex jezegwixxi l-imsemmija sentenza nonostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta` l-istess, kontra l-intimat skond l-fuq citata sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti u dana ai termini ta` l-artikolu 258 tal-Kap. 12, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet tal-20 ta` Gunju, 2006 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu l-kawza giet kancellata minn fuq il-lista.

Rat ir-rikors tat-22 ta` Gunju, 2006 fejn ir-rikorrent talab li l-kawza terga` titpogga fuq il-lista.

Rat id-digriet tat-23 ta` Gunju, 2006 fejn din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza.

Rat ir-rikors tat-18 ta` April, 2006 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tiffissa zmien sabiex il-werrieta prezuntivi tal-intimat Salvatore Cassar, li kien miet, jiddikjaraw jekk huma kienx

bi hsiebhom jissostitwixxu l-mejjet fil-kawza u fin-nuqqas talbu lill-Qorti tahtar kuratur biex jirraprezenta l-interessi tal-mejjet Salvatore Cassar.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta` Gunju, 2006 li permezz tieghu l-Qorti hatret lill-Avv. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi.

Rat ir-rikors tal-31 ta` Lulju, 2006 li bih ir-rikorrenti talab li l-kawza titkompla kontra l-eredi universali Carmen Cassar.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta` Awissu, 2006 fejn il-Qorti laqghet din it-talba.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-31 ta` Awissu, 2006 li permezz tieghu, fuq talba tar-rikorrenti Victor Zammit, gew estromessi l-kuraturi.

Rat li l-imsemmija Carmen Cassar, ghalkemm debitament notifikata a tenur tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ma resqet ebda risposta.

Semghet ix-xhieda ta` Victor Zammit moghtija viva voce quddiem din il-Qorti fl-1 ta` Novembru, 2007. Rat l-Art. 258 tal-Kap. 12. Ikkunsidrat illi t-talba kontenuta fir-rikors tal-10 ta` Ottubru, 2005 jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba fir-rikors promotur u tordna lill-intimati biex fi zmien tletin jum mil-lum jersqu ghall-kuntratt imsemmi u fin-nuqqas tordna li l-att finali jigi publikat minn Nutar Dr. Tonio Spiteri nhar id-9 ta` Dicembru, 2008 fil-hdax ta` filghodu b`dana illi Dr. Mark Chetcuti ghandu jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------